MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 411/2006

**Avukat Dottor Melvyn Mifsud bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera TAG HEUR Sa ta` 14A, Avenue des Champs Montants –2074 Marin, Svizzera**

**vs**

**Dr. Vincent Galea u PL Liliana Buhagiar b`digriet tal-Qorti tad-29 ta` Mejju, 2006, gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil VISA NEGOCE (SARL) IMPORT EXPORT No. 341, Rue 10, Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca Morocco**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nomine fit-8 ta` Mejju, 2006, li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

1. L-Avukat Dottor Melvyn Mifsud jirraprezenta lis-socjeta` estera TAG HEUR Sa, bhalma jirrizulta mill-prokura, vera kopja ta` l-istess, hawn annessa u mmarkata bhal Dokument M.M.1;

2. Is-socjeta` attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja inkluz gewwa Malta, *inter alia* in konnessjoni ma` arloggi ta` l-idejn (*wristwatches*) u hija proprjetarja ta` diversi marki (*trademarks*) li jkopru dan in-negozju vast taghha;

3. B`hila, b`invenzjoni kif ukoll b`hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnessjoni mal-marki (*trademarks*) taghha;

4. In partikolari, is-socjeta` attrici ghandha rregistrata f`Malta b`effett mill-hmistax (15) ta` Novembru tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994), il-marka bin-numru tar-registrazzjoni 23767, bhalma jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument MM 2 u dan dwar arloggi u arloggi ta` l-idejn, fost ohrajn li jaqghu fi klassi erbatax (14) tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta` Prodotti u Servizzi that in-*Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purpose of the registration of Marks;*

5. Dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta` attrici hija *detentrici ta` dritt* ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relevanti ta` l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta` l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta` Malta, biex b`hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi, fl-artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8(1) taghha;

6. Ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta` l-istess Kapitolu 414 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issopenda r-rilaxx tal-*container ECMU 9317020,* konsistenti *inter alia* f`mija u hamsa u disghin (195) arlogg ta` l-idejn li fihom il-kliem Tag U TAG HEUR

u indikazzjonijiet ohrajn, (nonostante li fuq il-bill of lading relattiv id-deskrizzjoni ta` l-packages relattiva hija ta` Radio Etc.), liema prodotti waslu fil-Freeport terminal tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur consignee/importatrici ndikata fuq l-istess bill of lading bhala VISA NEGOCE (SARL) IMPORT EXPORT, u prima facie deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravenju dritt ta` proprjeta` intelletwali bhalma jirrizulta mill-hawn anness ittra datata wiehed u ghoxrin (21) ta` April, tas-sena elfejn u sitta (2006), immarkat bhala Dokument MM 4;

7. Is-socjeta` attrici giet infurmata b`din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti (*counterfeit*) u li ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali, appartenenti lis-socjeta` attrici, bhalma gie hawn ipprezentat dokument relatat, immarkat bhal Dokument MM 4;

8. L-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet ta` artiklu 4 tal-Kap. 414 hawn fuq imsemmi kif ukoll ta` l-artikli 10(1) u 2(b) ta` l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u japplikaw ghall-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti ta` l-artikli 14 sa 19 tal-Kap. 416, 2 u 8 (1) tal-istess Kap. 414 u 76A(1) ta` l-Att XXII tas-sena 2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji);

9. Sussegwentement is-socjeta` attrici inghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta` attrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sas-6 ta` Mejju, 2006 sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni precedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. L-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1) Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f`mija u hamsa u disghin (195) arloggi ta` l-idejn bil-kliem Tag u/jew Tag Heur u indikazzjonijiet ohrajn u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana, wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container ECMU 9317020* kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravenju d-drittijiet ta` proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-trademark taghha bin-numru tar-registrazzjoni 23767 – TAG HEUR;

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta` din il-konsenja in kwistjoni ta` mija u hamsa u disghin (195) arlogg ta` l-idejn fil-*container* numru *ECMU9317020* da parti tal-konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravenji d-dritt ta` proprjeta` intelletwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skond artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta` l-istess artikolu 4 ta` l-istess Kap. 414 u dan fil-konfront tat-*trademarks* fuq imsemmija tas-socjeta` attrici;

3) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport ta` l-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-destruzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok ta` l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skond Artikolu 8 tal-Kap. 414;

4) Tiehu kull mizura u/jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana limjiehu kull mizura ohra dwar l-oggetti in kwistjoni li

jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici taghha;

5) Tordna kull rimedju iehor li tista` skond it-termini ta` l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Industrijali (Mizuri Intrakonfini) – Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta u/jew skond it-termini tar-Regolarmenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta` Lulju, 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 2006, li *in forza* tieghu inhatru l-Avukat Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi biex jirrappresentaw lill-kumpanija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuratruri li *in forza* taghha ecepew illi:

1. Il-fatti tal-kawza ma humiex maghrufa u li f`dan l-istadju ma kienx possibbli li tittiehed l-informazzjoni mehtiega sabiex it-talba ta` l-attur tigi kkontestata. Illi ghalhekk l-istess kuraturi deputati qeghdin jirriservaw id-dritt taghhom li jresqu risposta ulterjuri hekk u meta huma jkunu edotti mill-fatti ta` dan il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits imressqa bhala provi;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Irrizulta li Dr. Melvyn Mifsud huwa rapprezentant tas-socjeta' *Tag Heur Sa* ta' *Marin,* l-Svizzera, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta. Din is-socjeta' kienet giet avzata li ser tidhol Malta konsenja ta' arloggi mic-Cina abbord il-vapur *MV "CMA-CGM-BELLINI"* gewwa *container* numru *ECMU 9317020,* u f'isem il-kumpanija attrici l-attur kien talab lill-Kontrollur tad-Dwana jzomm il-konsenja u jaghtihom kampjuni biex jibghatuhom lid-ditta estera biex janalizzawhom u jaraw jekk humiex folox jew genwini. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma, u din fil-fatt giet mizmuma l-*Customs Bond tad-Dwana.* Dawn il-fatti gew konfermati wkoll minn George Agius, li huwa *Inspector Custom Enforcement Unit,* li semma li fit-30 ta' Marzu, 2006, l-*container in kwistjoni* kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku. Ikkonferma li kienu ittiehdu kampjuni biex jigu analizzati. Fid-dokument esebit *a fol. 11* tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' *Oliver Gourdon* li hu *Brand Security Manger* fl-*Svizzera,* li fiha jinghad *"I confirm that the watch seized by the customs in Malta is not a manufacture of TAG HEUER"*. Jghid ukoll li l-marki fuq l-arlogg *"have been used without the authorization of the holder of the intellectual property rights".* Fl-istess dikjarazzjoni tghid ir-ragunijiet ghalhiex waslet ghal din il-konkluzzjoni.

Illi meta jitqiesu l-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzjonijiet li gejjin:

a. il-kumpannija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f’Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta’ oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f’Malta ta’ hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita’ tal-imsemmija arloggi tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b’hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpannija attrici kellha ragun temmen li l-arloggi li ddahhlu f’Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f’pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ l-ewwel erba’ talbiet attrici kif dedotti, b’dan li ghal fini tar-raba’ talba tipprefiggi terminu ta’ hmistax-il gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-arloggi *in kwistjoni*; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba peress li fil-fatt, l-attur *nomine* m’ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ konvenuta, b’dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghadhom jithallsu mill-attur *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------